MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 915/2008

**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**IMHALLEF**
**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA BA., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Novembru, 2008.**
**Kawza Numru: 8**
**Rikors Numru 915/08GV**
Doc 167-08

**Joseph Schembri (ID6968M)**

**vs**

**Saviour sive Sammy Attard (ID28370M)**
**u Bridget Attard (ID 132172M)**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-atti tar-rikors ta' Sammy Attard** li bih talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 967/08 jigi revokat ghal kollox u dan ai termini tal-Artiklu 836(1) (a) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Alternattivament tordna li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 967/08 jigi revokat ghal kollox u dan ai termini tal-Artiklu 836(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Tordna li konsegwentement ghandu jinhareg l-opportun kontro mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 967/08;

4. Tikkundanna lil Joseph Schembri jhallas lill-esponent penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12) u dan ai termini tal-Artiklu 836(8) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna li Joseph Schembri huwa responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha, u dan ai termini tal-Artiklu 843(2) li huwa applikabbli ghall-mandat ta' sekwestru permezz tal-Artiklu 849 tal-Kapitlu 12.

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 967/08 kontra Joseph Schembri u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ai termini tal-Artiklu 836(9) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-**risposta ta’ l-intimat Joseph Schembri** a fol. 6 tal-process fejn oppona dawn it-talbiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensjuri jittrattaw:

**Konsiderazzjonijiet**

L-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti f’dan ir-rikors huwa wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu se jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x’aktarx formali ta’ l-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b’mod abbusiv.

Ghalhekk f’kazijiet bhal dawn eccezzjonijiet ta’ xejra preliminari mhumiex generalment ammissibili f’dan l-istadju billi dawn jigu ezaminati u decizi fil-mertu. (App Civ. Sammut vs Sammut 11.5.1962, GRTU vs P.M. PA.27/7/07)

Fil-kaz in ezami hafna mir-ragunijiet imressqa mir-rikorrent fil-premessi tar-rikors huma kontestazzjonijiet fuq il-mertu li ma jistghux jigu decizi f’dan l-istadju, bhal per ezempju l-allegazzjoni li hemm uzura.

Dwar il-kwistjoni ta’ l-involviment tal-mara ta’ Sammy Attard fin-negozjati u fl-atti tal-mandat jirrizulta li dina kienet notifikata bil-mandati, kienet irceviet pagamenti fil-account taghha u tar-ragel u nonostante li kienet taf b’dak li qed jaghmel zewgha ma hadet ebda passi biex, skond l-artikolu 1326 tal-Kap 16, tannulla l-atti li hija tallega li saru

minghajr il-kunsens taghha. Ghalhekk Bridget Attard ma tistax tghid li hija estraneja ghall dawn il-proceduri.

Kwantu ghall kwistjoni dwar il-validita' tal-mandat li nhareg u l-allegazzjoni li t-terminu legali kien diga' ghaddha meta giet prezentata n-nota li bih gie estiz it-terminu ghal-prezentata tal-kawza, il-Qorti tirrileva li skond l-artikolu 844 tal-Kap 12 il-partijiet jistghu jiftiehemu li jestendu t-terminu ghall-prezentata ta' l-atti fil-Qorti. Fil-kaz prezenti meta l-partijiet iffirmaw in-nota huma rratifikaw dak li kien sar qabel u accettaw li t-terminu jigu estiz. Fil-kaz tan-nota a fol 14 l-estensjoni saret mill-konjugi Attard. Fil-kaz tan-nota ta' fol 13 l-estenzjoni saret minn Saviour Attard, izda ghalkemm ma hemmx ukoll l-isem tal-mara, jirrizulta li Saviour Attard kien mizzewweg lill Bridget Attard, u ghalhekk kien jorbot il-kommunjoni, u kif gja ntqal, jekk Bridget Attard jidhrilha li hi ma kienitx marbuta, ma hadet ebda passi biex tannulla dak li sar minn zewgha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tichad it-talbiet tar-rikorrent;
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------